MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 695/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Marzu 1982, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, Lisa u Sarah, li llum huma maggjorenni, u Gabriel [li llum ghandu ‘l fuq minn sabatax [17] il-sena]; li f’ Settembru 2002 il-konvenuta telqet mid-dar konjugali sabiex tmur tghix ma’ ragel iehor f’ relazzjoni adultera li kienet ilha ghaddejja minn qabel l-imsemmi zmien; li l-attur ottjena d-debita awtorizazzjoni sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna; li provvizorjament il-kura u kustodja tal-minuri Gabriel giet fdata f’ idejn l-attur, bid-dritt ta’ access favur il-konventa li d-dritt taghha ghall-access ghad-dar konjugali gie ukoll ristrett bl-istess digriet; li l-konvenuta ghandha xoghol u potenzjali li

tahdem, u ghalhekk ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ binha minuri; li mhux opportun li l-komunjoni ta’ l-akkwisti konsistenti kwazi biss fid-dar konjugali tinqasam qabel il-minuri Gabriel ikun ta’ eta’ maggjuri; li l-attur ghandu jithalla jabita fid-dar konjugali anke wara s-separazzjoni; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din l-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenuta minhabba l-adulterju taghha; [2] li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Gabriel lill-attur, bid-dritt ta’ access favur il-konvenuta; [3] tordna li l-konvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri f’ rata li tigi fissata minn din il-Qorti; [4] li tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet komminati fl-artikolu 48 tal-Kap.16; [5] li tiddeciedi skond l-artikolu 55 li l-komunjoni tal-akkwisti ma tinqasamx qabel il-minuri Gabriel isir maggjorenni; [6] li tawtorizza, skond l-artikolu 55A tal-Kap.16, li l-attur jikompli jabita fid-dar konjugali anke wara s-separazzjoni; bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet: li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba “tortijiet gravi” imputabbli lill-attur; li mhuwiex fl-interess tat-tifel minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi fdata f’ idejn l-attur; li huwa l-attur li ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri; li ma hemmx l-elementi guridici rikjesti ghall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 fil-konfront tal-konvenuta; li l-hames talba hija nsostenibbli guridikament u fattwalment; li s-sitt talba ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab inserita fil-process a fols.26 sa 27, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A], u li permezz taghha l-konvenuta qeda titlob, <u>inter alia,</u> il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat, u li tinsab inserita fil-process a fols.53 u

54 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B]

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo, minnu debitament mahluf;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort esklussiv tal-konvenuta, li hija hatja ta' adulterju skond l-artikolu 38 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta wkoll qed titlob is-separazzjoni personali, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur, minhabba "sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontra [taghha], u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment" skond l-artikolu 40 ta' l-imsemmi Kap; qed titlob ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

*Profil tal-Fatti*

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1982, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, li wiehed minnhom, Gabriel, ghadu minorenni [17-il sena]. Illi l-partijiet irriskontraw problemi fir-relazzjoni matrimonjali, tant li fis-sena 1996 l-konvenuta, tramite l-avukat taghha ta' dak iz-zmien, kienet kitbet ittra[2] lill-attur dwar il-manteniment moghti lilha. L-affarijiet komplew jiddeterjoraw bejn il-partijiet, u f' Settembru 2002 l-attur skopra emails b' kontenut ta' natura amoruza, datati 26

[1] Vol.3 – fols.532 *et seq.*
[2] Vol.1 – fol.127 Ittra datata 20 Mejju 1996

Awissu 2002 u 15 Settembru 2002, mibghuta lill-konvenuta minn ragel iehor, u li ma jhallu ebda dubju li f' dak iz-zmien il-konvenuta kienet qeda tittrattjeni relazzjoni extra-matrimonjali ad insaputa ta' zewgha, l-attur. Eventwalment il-konvenuta ma baqghetx tghix fid-dar konjugali, u t-trattattivi ghal separazzjoni konsenswali fallew.

*Verzjoni Attur*
L-attur jispjega li fis-sena 1997 circa l-konvenuta bdiet tissuspetta li hu kellu relazzjoni extra-matrimonjali mas-segretarja tieghu fuq ix-xoghol. Dan kien kagun ta' inkwiet bejn il-partijiet. Huwa jinnega din l-allegazzjoni ta' martu, u anke kien telaq mix-xoghol li kellu bi sforz li tikkalma s-sitwazzjoni; izda nutilment, ghax it-tilwim kompla u beda jsir aktar aggressiv.

Fil-frattemp il-konvenuta bdiet tapplika aktar ruhha fil-part-time job li kellha, u bdiet taghmel aktar zmien barra mid-dar, bir-rizultat li bdiet titraskura l-kura tat-tfal, liema oneru ghalhekk kien waqa' kollu fuq l-attur.

F' Awwissu 2002 hija kienet marret l-Ingilterra ghal seminar, fejn kienet iltaqghet ma' XY, il-kugin ta' missierha, u bdiet relazzjoni adulteruza mieghu. L-attur kien skopra dan, mill-emails fuq indikati u li kienu murjia lilu miz-zewgt itfal il-kbar. L-attur jghid ukoll li, anke wara Gunju 2003, meta l-imsemmi XY ma kienx deher izjed Malta, il-konvenuta bdiet tidher fil-prezenta ta' ragel iehor, 'AB' u li eventwalment skopra li l-konvenuta ghandha residenza ohra.

Huwa jirrakkonta kif fil-frattemp il-hajja konjugali ta' bejniethom iddeterjorat tant li eventwalment kienet spiccat ghal kollox. Minkejja dan, u anke meta martu telqet mid-dar konjugali, huwa xorta wahda baqa' jiehu hsieb il-minuri Gabriel li kien gie traskurat minn ommu, il-konvenuta.

Illi din il-verzjoni tinsab korroborata fis-sustanza mit-tifla l-kbira, Lisa, u wkoll minn hu l-konvenuta, Joseph Dalmas.

Lisa B tikkonferma li f’ xi zmien meta hi kien ghad kellha tlettax-il sena, il-partijiet kienu qed ikollhom xi jghidu tas-spiss, tant li, gurnata minnhom il-konvenuta telqet mid-dar “minhabba inkwiet serju li kien hemm bejn ommi u missieri”[3] Rizultat ta’ dan, il-facendi tad-dar u l-oneru tat-trobbija ta’ huha Gabriel kien waqghu fuqha. Sussegwentement il-konvenuta irritornat fid-dar konjugali, izda t-tilwim ma waqafx, u il-konvenuta kienet tohrog hafna waheda ghax kellha hafna mpenji. F’ Awwissu 2002 hi u ohtha skoprew l-emails fuq indikati, u ddecidew li juruhom lill-attur. “Minn dak inhar l-affarijiet id-dar inbidlu drastikament. Ommi u missieri kienu qishom kelb u qattus; fil-fatt ommi ma baqghetx torqod ma’ missieri..”[4] Eventwalment il-konvenuta ma baqghetx tghix fid-dar konjugali.

Joseph Dalmas, hu l-konvenuta, jikkonferma li fit-18 ta’ Settembru 2002 kien cempillu l-attur, u nformah b’ dak li kien qed jigri, u talbu sabiex ikellem lill-konvenuta. Konsegwentement dan, flimkien ma’ ohtu l-ohra, mar ikellem lil konvenuta, izda dina qaltilhom sabiex ma jindahhlux. Din qaltlu li hi kienet thobb lil ‘XY’ “Because he cares for me, and I am not a slave [of my family] anymore !” Qaltilhom li hi kellha ppjanat li titlaq lil [attur] u tibni relazzjoni ma’ ‘XY’.[5]

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, annessa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet, l-attur jghid b’ mod generiku li “mhux minnu li huwa qatt ikkommetta eccessi, sevizzi u agir iehor mhux floku fil-konfront tal-konventa.”[6] Izda, matul is-smigh tal-kawza, huwa naqas li jirribatti l-allegazzjonijiet dettaljati li martu ghamlet fil-konfront tieghu, <u>u li di piu’ jinsabu konfortati mix-xhieda tat-tifla Sarah B</u>.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi fl-affidavit dettaljat taghha, il-konvenuta fis-sustanza tghid li, mill-bidu tal-hajja matrimonjali, il-facendi tatd-dar u

[3] Vol.1 – fol.79
[4] Vol.1 – fol.81
[5] Vol.1 – fol.87
[6] Vol.1 – fol.54

t-trobbija tat-tfal kienu waqghu kollha fuqha, ghax l-attur ma kien jghinha f’ xejn, lanqas meta titolbu, u lanqas matul it-tqala. Tghid li, wara x-xoghol, huwa kien jintefa’ fuq is-sufan quddiem it-television, jiekol u jorqod. Il-konvenuta ma tghidx pero’ fix hin l-attur kien jidhol ghax-xoghol.

Tilmenta wkoll li, nonostante it-tahbit taghha u l-isforzi taghha biex issostni l-familja, l-attur ma kien juri ebda rikonoxximent. Tghid: “Kienet tweggani hafna li ma kienx jtini ebda ghajnuna, filwaqt li kont naf li kien kapaci.”[7] Di piu’ ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-hajja sabiex tmantni l-familja, tant li kellha tohrog tahdem barra mid-dar biex tghin ruhha finanzjarjament.

Il-konvenuta tghid li zewgha “kien biered mieghi, u kont nistaqsih ghaliex ma kienx baqa’ jhobbni, u ghaliex ma kellux affezzjoni lejja.”[8] Tghid li hu kien “jghajjarni hafna, u ta’ spiss kien jghidli li posti huwa Mount Carmel. Kien jghajjar lit-tfal, basla, gidra, injoranta u kien ukoll jghidilna li ahna ma konna kapaci ghalxejn. Kien ukoll jghid lit-tfal li jiena ridt naghmel abortion meta kien ser ikolli lilhom, li dan mhux veru xejn, lanqas biss kont nohlomha.”[9] Tilmenta mill-fatt li l-attur kien aggressiv maghha u ma’ uliedhom u kien dominanti, b’ mod li ried li dejjem tghaddi tieghu, ghax altrimenti jerfa’ jdejh anke fuq it-tfal. Issemmi wkoll incidenti f’ dan ir-rigward. Tghid li t-tghajjir u dan l-agir abbuziv kien wiehed kontinwu.

Il-konvenuta ma ssemmi xejn dwar l-emails amoruzi prezentati mill-attur, u fuq l-allegazzjoni tieghu dwar ir-relazzjonijiet extra-matrimonjali taghha.

Tirrakkonta kif fis-sena 2000 l-attur kien taha permess li ssiefer, “ghalkemm ma konniex qeghdin nghixu l-hajja mizzewgha, xorta konna noqghodu taht saqaf wiehed, bil-ftehim li A jghix hajtu u jien nghix tieghi, u b’ hekk konna lhaqna kompromess”[10]; izda tghid li xorta wahda kienet

---

[7] Vol.1 – fol.90
[8] Ibid.
[9] Ibid.
[10] Ibid – fol.95

baqghet tiehu hiseb id-dar u t-tfal. Sussegwentement tirrakkonta ncident li sehh f' Settembru 2002 li fiha tallega li kienet giet aggreditha vjolentament mill-attur. Eventalment hija kienet harget mid-dar u l-attur kien biddel ic-cavetta. Is-sitwazzjoni kompliet tiddegenera u l-konvenuta spiccat tghix barra mid-dar flimkien mat-tifla Sarah. Tikkonkludi billi tghid li "Jien hassejt li ghal A kont biss skjava, u oggett li juzani, kif irid hu, u kif joghgob lilu."[11]

Illi l-verzjoni tal-konvenuta ssib fis-sustanza taghha konfort mix-xhieda tat-tifla Sarah B. Din tikkonferma li fis-sena 1994 circa "diga' kien hemm inkwiet serju hafna bejn il-genituri tieghi."[12] Tikkonferma li l-attur "qatt ma kien jghin lil ommi f' xejn. Kien qisu mhux parti mill-familja."[13] Tghid li ma kienx iqatta' quality time mat-tfal. Kien dominanti maghhom, u kien ikun agressiv, moralment u fizikament, jekk ma tghaddix tieghu, u ssemmi ncidenti ta' vjolenza fizika fuqha u fuq il-konvenuta. Tikkonferma li "Kien jhedded lil ommi, u kien dejjem imaqdarha."[14]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifestament provat li f' Awwissu 2002 l-konvenuta dahhlet f' relazzjoni adultera ma' 'XY' u sussegwentement, wara Gunju 2003, bdiet tiffrekwenta ragel iehor. Dawn il-fatti, allegati mill-attur ma gewx kontraddetti mill-konvenuta; u di piu' jinsabu in parte korroborati mix-xhieda ta' Lisa B, u in parte mix-xhieda ta' Joseph Dalmas, hu l-konvenuta, u anke mix-xhieda ta' Doris Abela Fitzpatrick[15].

Il-Qorti hi tal-fehema li r-relazzjoni li l-konvenuta kellha ma' 'XY' kienet il-kawza principali li wasslet ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet. Di fatti Lisa B tghid li f' dan iz-zmien il-glied bejn il-partijiet zdied u l-konvenuta ma baqghetx torqod ma' l-attur.

---

[11] Ibid – fol.97
[12] Vol.1 – fol.132
[13] Ibid.
[14] Ibid – fol.133
[15] Vol.2 – fol.495

Illi pero' b' gustizzja mal-konvenuta, il-Qorti ma tistax tinjora, dak allegat b' mod dettaljat mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, u li ma giex kontraddett, anzi gie konfermat fis-sustanza mit-tifla l-fustanija Sarah B. Il-konvenuta tispjega li l-hajja matrimonjali taghha ma kinitx wahda felici, principalment minhabba l-komportament abbuziv da parti ta' l-attur fil-konfront taghha u ta' uliedhom.

Jirrizulta li, snin qabel ma l-konvenuta dahhlet fir-relazzjoni adultera, il-partijiet kienu jitlewmu hafna, principalment peress l-attur kien dominanti u aggressiv, verbalment u anke fizikament fil-konfront ta' martu u ta' uliedu. Kien insensittiv ghall-bzonnijiet emozzjonali ta' martu. Kien kiesah u biered fil-konfront taghha. Dan l-atteggjament tieghu, kien iwassal ghal hafna tilwim bejn il-partijiet, u ezercitat fuq bazi abitwali u ripetutament, kien irrenda l-konvivenza matrimonjali, jekk mhux impossibbli, nsapportabbli u ferm infelici ghaliha. Il-konvenuta tghid li fil-hajja matrimonjali hi kienet tqis lilha nnifisha bhala skjava ta' l-attur. F' dan ir-rigward hija sinifikattiva r-reazzjoni <u>spontanea</u> tal-konvenuta, meta kkonfrontata minn hutha dwar ir-relazzjoni taghha ma' 'XY'. Din irrispondiet hekk a tempo vergine: "I am not a slave [of my family] anymore!"[16]

Dan il-komportament ta' l-attur matul il-hajja matrimonjali, inkluzi t-tghajjir da parti tieghu u l-allegazzjoni falsa tieghu, maghmula quddiem uliedu, dwar li l-konvenuta riedet li din tikkommetti abort meta kienet tqila b' ulied-il partijiet, jikkostitwixxu 'sevizzi' u 'ngurja gravi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u ghalhekk l-attur ghandu jgorr parti, ghalkemm sekondarja, mir-risponsabbilita' tal-firda.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u ghal dan, tahti principalment il-konvenuta bl-adulterju taghha, u sekondarjament l-attur bil-komportament abbuziv tieghu. Il-Qorti thoss li l-komportament taz-zewg partijiet ghandu jattira l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 ta' l-imsemmi Kap.

[16] Supra

**Dar Matrimonjali**

Illi l-assi principali fil-komunjoni ta' l-akkwisti hija d-dar matrimonjali bl-isem 'Joredad' Triq L.Casolani Birkirkara, flimkien mal-garage adjacenti. Fl-udjenza peritali tat-30 ta' Gunju 2005 il-partijiet iddikjaraw li d-dar tiswa' bejn LM65,000 u LM55,000; ghalhekk il-Qorti, anke tenut kont tal-fatt li minn dak inhar ghaddew ghaxar [10] snin, qed tikkunsidera l-ammont ta' LM65,000, illum €151,450 bhala l-valur tad-dar konjugali inkluz il-garage anness maghha.

Illi, rigward it-talbiet[17] ta' l-attur sabiex din il-proprjeta' ma tinqasamx qabel mat-tifel Gabriel isir maggjorenni, u wkoll sabiex, anke wara s-separazzjoni hu jigi awtorizzat jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, u rigward it-talba[18] tal-konvenuta sabiex din tigi awtorizzata tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' l-attur, il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi prevalenti jimmilitaw kontra dawn it-talbiet. Fl-ewwel lok illum it-tifel Gabriel ghandu 'l fuq minn sbatax-il sena, u ghalhekk huwa kwazi maggjorenni, u, fit-tieni lok, anke l-attur ghandu htija ghal firda personali, u ghalhekk huwa kontro-indikat, u ngust ghall-konvenuta li dina tigi privata mit-tgawdija ta' sehemha mill-imsemmi fond li huwa l-uniku assi ta' relevanza li ghandhom il-partijiet, multo magis, meta jirrizulta li llum hi qeda tghix f'appartament mikri, flimkien mat-tifla fustanija tal-partijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li dan il-fond, inkluz il-garage adjacenti mieghu, jigi mibjugh fuq is-suq liberu fi zmien sena millum ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma ta' €151,450, u fin-nuqqas li jinbigh fl-imsemmi perijodu, jinbigh taht l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, bi prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei; u r-rikavat, <u>wara</u> li jithallsu minnu l-ispejjez kollha tal-kontijiet tad-dawl u ilma u relattivi ghaz-zmien ta' wara li l-attur ikun ivvaka l-imsemmi fond, il-bilanc jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

---
[17] Talbiet numri 5 u 6
[18] Talba numru 6

Illi l-attur qed jigi awtorizzat jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, flimkien ma' bin il-partijiet, ghal zmien sena, u matul dan il-perijodu u sakemm jivvaka l-fond, huwa jibqa' responsabbli esklussivament ghall-ispejjez ta' l-utilitajiet fid-dar; gheluq dan iz-zmien ta' sena, l-attur qed jigi, permezz tal-gudizzju odjern, ordnat jivvaka l-imsemmi fond.

**Kura u Kustodja**

Illi dan il-kap illum jirreferi biss ghat-tifel Gabriel li ghandu 'l fuq minn sbatax-il sena. In propozitu, il-Qorti tikkonferma l-ftehim milqugh bejn il-partijiet, stante li jidher li dan hu fl-interess tal-minuri, kif ukoll ta' l-istess partijiet.

Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja ta' dan it-tifel tibqa' kongunta bejniethom, izda l-istess minuri jibqa' jghix mal-missier, filwaqt li jkun hemm access liberu favur l-omm, u konkordat mal-minuri.

**Manteniment**

Fir-rigward tal-manteniment tal-minuri, il-Qorti tikkondividi l-fehema tal-perit legali, u tordna li dana jibqa' regolat skond id-digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-sena 2003 fis-sens li kull parti tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri meta dan ikun maghha. Jidher li f' dan ir-rigward il-partijiet ma rriskontrawx problemi, u dan l-arrangament hadem ghas-sodisfazzjoni tal-partijiet minghajr inkwiet, u rrizulta fl-interess ta' l-istess minuri.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-pagni 19 sa 23[19], u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C]; u li din il-Qorti qed taddotta, salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.

[1] Illi l-mobbli elenkati fl-istima li tinsab a fols. 39 u 40, u dawk elenkati fl-istima li tinsab a fol.41 tal-process, li

[19] Vol.3 – fols.547 sa 551

kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu [Appendici D]; dawn il-mobbli ghandhom jinqassmu f’ zewg porzjonijiet ugwali, u kull parti tiehu porzjoni li tittella’ bix-xorti. Jekk il-partijiet ma jaqblux fuq il-qsim tal-mobbli, dawn l-oggetti ghandhom jinbieghu bis-subbasta, bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei, ghall-prezz ta’ mhux anqas mill-valuri rispettivi ndikati fl-imsemmija listi.

[2] Illi l-valur tal-vettura Tata Sierra Saloon li kienet giet stmata fis-sena 2003 fil-valur ta’ €5,823.43, qed tigi rivalutata minn din il-Qorti arbitrio boni viri fl-ammont ta’ €2,500, u dana tenut kont tat-trapass taz-zmien; ghalhekk l-attur huwa ordnat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ €1,250, filwaqt li sehem il-konvenuta fl-imsemmija vettura qed jigi assenjat lill-attur.

[3] L-attur huwa wkoll ordnat li jhallas lill-konvenuta s-somom ta’ €1,399.49 u €1,402.28, skond kif indikat fil-paragrafu [d] tal-pagna 22 tar-relazzjoni peritali.

[4] Il-Qorti taqbel mal-perit legali fis-sens li d-depoziti bankarji bil-bilanci ezistenti fid-data ta’ din is-sentenza ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, u dana stante li l-komunjoni ta’ l-akkwisti qed tigi xjolta permezz tal-gudizzju odjern.

[5] Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenuta ghar-rifuzjoni tal-kera mhallsa minnha meta dina ma kinitx baqghet tabita fid-dar konjugali, Il-Qorti wkoll taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li m’ ghandux ikun hemm rifuzjoni ta’ kera, kif indikat fil-paragrafu [f] tar-relazzjoni; izda ghar-raguni li dawn il-flus hargu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti li, kif fuq inghad, qed tigi xjolta permezz tal-gudizzju odjern.

[6] Illi rigward il-pretensjoni konvenuta sabiex dejn maghmul minnha u dovut lil Doris Abela Fitzpatrick, jigi addossat fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-Qorti tosserva li l-eziztenza ta’ dan id-dejn ma giex provat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

[a] li, nonostante li l-konvenuta kellha l-opportunita' kollha li tipprova l-ezistenza ta' dan l-allegat dejn, hija ma resqitx provi, ghajr li, wara l-gheluq tal-provi fis-sena 2005,[20] hija prezentat, man-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, kopja, mhux awtentikata, ta' skrittura privata datata 3 ta' Dicembru 2003;

[b] Illi fid-depozizzjoni taghha tal-10 ta' Marzu 2004, ix-xhud Fitzpatrick, ghalkemm tghid li lill-konvenuta kienet selfitha xi flus, ma taghmel ebda referenza ghall-imsemmija skrittura, redatta fis-sena 2003;

[c] Inoltre, u b' izjed emfazi jinghad, li ma ngabet ebda prova li l-ammont indikat fl-imsemmija skrittura, ghadu dovut illum fiz-zmien tal-likwidazzjoni;

[d] In fine hija flokha l-konsiderazzjoni li, il-konvenuta, anke matul il-konvivenza kienet tahdem u kienet turi li kapaci tahdem, kif tghid hi stess, u kienet kapaci ddahhal introjtu. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax raguni valida wara dan is-self, sabiex tmantni lilha nnifisha. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar piz fid-dawl tal-fatt li fil-kontro-talba il-konvenuta ma ghamlitx talba ghal hlas ta' manteniment ghaliha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali, principalment tort tal-konvenuta, u sekondarjament tort ta' l-attur;

[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[3] tilqa' t-tieni talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[20] Fis-seduta peritali tat-30 ta' Gunju 2005, hemm registrat li "Il-partijiet iddikjara li l-provi huma issa maghluqin, u qed jawtorizzaw lill-esponenti jghaddi ghar-rapport." – Vol.2 – fol.516

[4] tilqa’ ir-raba talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenuta, l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[5] tichad il-hames talba;

[6] tilqa’ is-sitt talba limitatament u fis-sens kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata ‘Dar Matrimonjali’; u konformament tordna li l-attur jvvaka d-dar matrimonjali fi zmien sena millum;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba, u, filwaqt li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet ‘Dar Matrimonjali’ u ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[5] tilqa’ il-hames talba u tapplika fil-konfront ta’ l-attur id-dispost ta’ l-artikolu 48 fl-intier tieghu, u b’ referenza ghall-artikolu 51 tal-Kap.16;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tilqa’ is-seba’ talba, limitatament ghall-oggetti ndikati mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu pagna 20 fil-paragrafu [a][iii][a] fis-sezzjoni ntestata ‘Parafernali’[21]

L-ispejjez kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament, in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenuta, filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] jkun a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] Vol.3 – fol.548